KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3418 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tad-Disa u Tletin (39) Laqgħa tas-Sitt (6) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li saret , Il-Ħamis 12 ta' Mejju, 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali fil-5.30 ta' filgħaxija.

I-Laqgħa bdiet fis-5.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Sindku Perit Graziella Galea | 5.30 p.m. | 8.05 p.m. |
| Viċi Sindku John Bray | Indispost | |
| Kunsillier Alfred Grima | Imsiefer | |
| Kunsillier Ray Tabone | 5.30 p.m. | 8.05 p.m. |
| Kunsillier Alexander Bezzina | 5.30 p.m. | 7.10 p.m. |
| Kunsillier Jason Camilleri | 5.30 p.m. | 7.30 p.m. |
| Kunsillier Frank Gauci | 5.55 p.m. | 8.05 p.m. |
| Kunsillier Peter Abela | 5.30 p.m. | 8.05 p.m. |
| Kunsillier Martin Zerafa | 5.30 p.m. | 6.45 p.m. |
| Kunsillier Ray Bartolo | 5.33 p.m. | 8.05 p.m. |
| Kunsillier Mario Camilleri | 5.30 p.m. | 8.05 p.m. |

Is-Sindku mexxiet il-Laqgħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tas-Tmienja u Tletin (38) Laqgħa tal-Kunsill,tal-Kontinwazzjoni tat Tmienja u Tletin (38) Laqgħa tal-Kunsill u tal-Laqgħa B'Urgenza tal-Kunsill.**

Il-minuti tal-Laqgħa 38 li saret nhar il-Ħamis 7 ta' April, 2011, u tal-Kontinwazjoni tal-istess Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 14 ta' April u tal-Laqgħa B'Urġenza li saret nhar l-Erbgħa 27 ta' April 2011 ġew iffirmati wara li dawn ġew approvati unanimament mingħajr ebda korrezzjoni.

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti tal-ewwel parti tal-Laqgħa Nru: 38 tas-7 ta' April, 2011.**

2.01 Dwar Item 2.01 ġie deċiż li terġa tinkitbet ittra ta' reminder lid-Dipartiment tal-Artijiet biex il-Latrina Publika tal-Pjazza ta' Buġibba tingħata lura lill-Kunsill Lokali wara li dan id-Dipartiment kien għadu ma rrispondiex.

2.00A Punti li joħorġu mill-Minuti tal-Kontinwazjoni tal-Laqgħa Nru: 38 tal-14 ta' April, 2011.

2.01A Dwar Item 5.01 – Ġie nnotat li l-film li kellu jinġibed f'Buġibba issa ma kienx ser isir fil-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar.

2.02A Dwar Item 6.00 – Ġie rrapurtat li ż-żjara minn grupp minn San Pawl il-Baħar li saret f'Pozzallo fl-okkażjoni ta' Notti Blu kienet suċċess.

2.03A Dwar Item 8.01 – Il-Kunsillier Mario Camilleri rraporta li x-xogħol ta' renovazjoni tal-latrina tax-Xemxija kien miexi sew iżda innota li l-BOQs ma kienux jinkludu xogħol fuq blajjet tal-bibien li kellhom ħsarat u xogħol ta' kisi bil-membrane fuq il-bejt. Barra minhekk kien hemm xi blokki tal-ħġieġ tat-twieqi li kienu miksurin u kellhom bżonn li jinbidlu. Huwa talab li jinħarġu *variation orders* kif meħtieġ sabiex dan ix-xogħol ikun jista' jsir ukoll. Dan ġie approvat unanimament. Il-Kunsillier Mario Camilleri talab li jitniżżel il-kumment tal-Kunsillier Martin Zerafa fejn qallu li huwa (is-Sur Camilleri) injorant.

## 3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet.

3.01 Ġiet ippreżentata lista ta' 27 items ta' korrispondenza u komunikazzjonijiet. Id-deċiżjoniejiet li ittieħdu jinsabu fil-lista annessa ma' dawn il-minuti.

3.02 Dwar item tal-Korrispondenza no: 6 – Talba mil-Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Maria, il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv jikkonsulta mad-Dipartiment tal-Kunsill Lokali jekk din it-talba tistax tiġi kkunsidrata.

3.03 Dwar item tal-Korrispondenza no: 17 – Proposta ta' tismija ta' triq, il-Kunsill għażel l-isem ta' Triq il-Pruwa u talab lis-Segretarju Eżekuttiv jinforma b'dan lill-Kumitat Tismija Tat-Toroq.

3.04 Dwar item tal-korrispondenza no: 24 – Kwotazjoni għal xiri ta' *water barriers*. Ġew ippreżentati 3 kwotazzjonijiet dwar xiri ta' dawn il-*water barriers* sabiex tiġi ffrankata l-ispiża tal-kiri ta' 20 barrier li jinstabu jdawwru Casa Serena sakemm dan il-każ jiġi solvut. Ġie deċiż li dawn jinxtraw mingħand B. Grima and Sons Ltd. wara li dawn offrew li ma jitolbux ħlas għall-kiri tal-*barriers* li kienu tpoġġew b'urġenza madwar Casa Serena għal dawn l-aħħar xhur jekk il-*barriers* jinxtraw mingħandhom. Il-Kunsill għażel l-irħas prezz totali meta jikkunsidra l-kiri li kien dak ta' B. Grima and Sons Ltd.

3.05 Dwar item tal-korrispondenza no: 27- Ħlas tal-Elettriku ta' Bollards Elettroniċi. Il-Kunsill qabel unanimament li jsir il-ħlas għas-snin b'lura li ma kienux tħallsu mill-Kunsill lis-Sur Steve Vella ta' *Cutting Edge Salon*. Dan il-ħlas għandu jsir fuq l-istess bażi ta' ftehim li kien hemm bejn il-Kunsill u s-Sur Vella meta oriġinarjament sar dan il-ftehim.

**4.00 Skedi ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta' Xogħol.**

4.01 Saret sospensjoni qasira tal-Laqgħa sabiex l-*accountant* tal-Kunsill, is-Sinjura Romina Perici Ferrante, tkun tista' tindirizza l-Kunsilliera u tispjega s-sistema ġdida ta' kif ser jibdew jiġu ppreżentati l-listi tal-pagamenti, skont kif ordnat mid-Dipartiment tal-Kunsill, u l-*Financial Indicator/Accounts* għall-kwart tas-sena li għalaq fil-31 ta' Marzu 2011.

4.02 Rendikont ta' Dħul ta' Fondi – Ġiet approvata unanimament il-Lista ta' Dħul ta' Fondi kif ippreżentata (lista annessa).

4.03 Rendikont ta' Pagamenti - Ġiet approvata unanimament il-Lista ta' Dħul ta' Fondi kif ippreżentata (lista annessa).

4.04 Lista ta' Ordnijiet ta' Xogħol - Ġiet approvata unanimament il-Lista ta' Dħul ta' Fondi kif ippreżentata (lista annessa).

4.05 *Financial Indicator / Accounts Quarter Ending 31st March 2011* – Ġew approvati unanimament l-*Accounts Quarter Ending 31st March 2011* kif ippreżentati u li kienu juru *Financial Indicator* ta 27.14%.

**5.00 Aġġudikazzjoni ta' Sejħiet għall-Offerti.**

5.01 SPBLC 04/2010-*Service of a Handyman.* – Wara li l-Kunsill innota r-rati ferm għoljin li kienu daħlu għal dan is-servizz, u wara li s-Sotto Kumitat tal-Aġġudikazzjoni ta' Sejħiet għall-Offerti kien ukoll ta' l-istess fehma, ġie deċiż li dan il-kuntratt ma jingħatax u s-sejħa terġa tinħareġ aktar 'il quddiem.

5.02 SPBLC 02/2011-*Provision of Transport To And From Day Centre To San Pawl il-Baħar.* - Din is-Sejħa għall-Offerti kienet għada ma ġietx diskussa mis-Sotto Kumitat għaliex id-Dipartiment tal-Kunsilli kien għadu ma tax il-parir tiegħu dwar xi nuqqas f'waħda mill-offerti. Din is-sejħa għandha tiġi diskussa fil-Laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

5.03 SPBLC 06/2011-*Construction/Resurfacing Works of Roads (PPP Scheme / 2nd Batch)* – Is-Sindku infurmat li kien hemm offerta waħda biss għal din is-sejħa, dik ta' Bonnici Brothers Ltd., u li l-prezzijiet kienu ferm għola mill-istima u minn dawk tal-offerta li kienet saret minn l-istess kuntratturi ftit tax-xhur ilu fis-sejħa għall-offerti taħt l-istess skema tal-PPP (l-ewwel lot). Dan kien jirriżulta wkoll mir-rapport ta' evalwazjoni li għamlu l-periti tal-Kunsill. Il-Kunsill, għalhekk, iddeċieda li jsiru negozjati ma' Bonnici Brothers Ltd. u dawn jintalbu spjegazjoni ta' din d-differenza fil-prezzijiet ikkwotati.

5.04 SPBLC 07/2011-*Collection of Bulky Refuse* u SPBLC 10/2011–*Service of An Accountant.* - Is-Sotto Kumitat kien għadu ma ddiskutiex dawn iż-żewġ Sejħiet għall-Offerti u għalhekk dawn iż-żewġ *items* tħallew għal laqgħa li jmiss.

**6.00 Increment tal-Iskrivana Candice Zarb mill- 01 ta' Ġunju 2011.**

6.01 Il-Kunsill approva unanimament li jingħata dan l-increment.

**7.00 Aġġornament Dwar Kumitat Amministrattiv Burmarrad.**

7.01 Iċ-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad, is-Sur Raymond Bartolo, talab li jingħata l-approvazjoni tal-Kunsill għal dawn il-proposti tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad:

- Proposta ta' *Traffic Management* għad-dħul u ħruġ ta' traffiku ġo Triq il-Wardija ħdejn Scotts Supermarket.
- Isir survey u jitranġa il-qlib tal-gandott (gutter) tas-Safsafa fil-Wardija.
- Jiġi irranġat ħajt tas-sejjieħ fi Triq Insolja f'Burmarrad.
- Jiġu ordnati xi ismijiet tat-toroq li hemm nieqsa.
- Sar rapport u talba ta' *enforcement* mill-MEPA dwar tfieħ illegali f'Ras il-Wied, Wardija.

**8.00 Aġġornament.**

8.01 Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, talbet u ġie approvat unanimament li jinxtraw trofej għall-attivita' tal-Power Boats li ser issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Hija fakkret li fl-aħħar attivita' tal-Power Boats ix-xiri ta' trofej kien approvat mill-Kunsill iżda dawn kienu ngħataw minn *sponsors* u għalhekk il-flus li kienu approvati għal dik l-attivita' ma kienux intużaw.

Ġie approvat li jerġa jiġi organizzat il-Karnival tas-Sajf ġewwa Buġibba fit-tielet gimgħa ta' Lulju.

Ġie approvat li l-Kunsill jipparteċipa fl-attivita' f'ġieħ Dun Karm Psaila flimkien mal-Istitut Soċjo Kulturali.

Ġie approvat li ssir il-*Billboard* pubblika ta' promozjoni għall-Measure 313 tal-MRRA a spejjeż tal-Kunsill, li jsiru tabelli ta' avviżi ħdejn 4 Bring-In-Sites flimkien ma' ġurnata ta' inforzament tar-regolamenti mill-*wardens* ħdejn dawn il-B I S sabiex jinqatgħu kemm jista' jkun l-abbużi, u tabelli biex jitpoġġew fit-toroq li qed isiru taħt l-iskema tal-PPP.

8.02 Il-Kunsillier Raymond Tabone staqsa dwar il-GunPost li nstabet waqt ix-xogħol ta' embelishment li qed isir fi Triq San Ġilardu. Is-Sindku wieġbet li din ser tiġi ippriservata mill-MTA.

8.03 Il-Kunsillier Frank Gauci staqsa dwar id-dewmien minn naħa tal-Go sabiex jintlaħaq ftehim mal-Kunsill u jitkompla x-xogħol ta' rikostruzzjoni ta' Triq San Gorg. Ġie deċiż li jekk hemm bżonn għandha tinħareq press-release dwar din il-kwistjoni.

8.04 Il-Kunsillier Mario Camilleri ilmenta min kif qed issir it-twaħħil ta' arbli tal-Bus-Stops mill-kumpanija Arriva. Dawn qed isiru f'nofs il-bankini b'tali mod li lanqas *push-chair* jew *wheel-chair* ma jista' jgħaddi minn fuq il-bankini. Ġie deċiż li tissejjaħ laqgħa mad-diriġenti tal-Arriva sabiex tiġi diskussa din il-kwistjoni.

Is-Sur Mario Camilleri irrefera għall-atti vandali li qed isiru fil-latrini pubbliċi u qal li jekk hemm bżonn għandha tinħareġ press-release. Kien hemm bżonn ukoll ta' aktar sorveljanza mill-awtoritajiet tal-Pulizija. Il-Kunsillier Ray Tabone qal li ma jafx għaliex din iż-żieda ta' dawn l-atti vandali dan l-aħħar u hemm bżonn li wieħed jindaga r-raġuni ta' dan.

Il-Kunsillier Mario Camilleri qal ukoll li fejn għandhom x'jaqsmu il-*Bring-In-Sites*, Green Mt ma kinitx qed timxi ma' dak li wegħdet meta ġie ffirmat il-kuntratt. Is-Sur Joe Attard kien ġie infurmat b'dan diversi drabi iżda sa issa ma kien sar l-ebda progress.

Is-Sur Mario Camilleri informa lill-Kunsill li flimkien mal-perit tal-Kunsill huwa kien ser idur il-latrini pubbliċi kollha biex jara x-xogħolijiet urġenti kien hemm bżonn isiru. Il-Kunsill approva.

**9.00 Tmiem tal-Laqgħa.**

Il-Laqgħa intemmet fit-8.05 p.m.

Sindku: Perit Graziella Galea

Segretarju Eżekuttiv: John J. Camilleri